# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 419/2011 RM**

**Euro Concrete Blocks Limited (C 16202)**

**vs**

**A. Montebello Tyres Limited (C 8086) u Charles Mangion**

**Illum, 14 ta' Novembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta` attrici fir-Registru ta' din il-Qorti fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru 2011 u li bih talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom jew min minnhom ihallsuha s-somma ta' sebat elef, sitt mija u sitta u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€7,666.75) bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' materjal tal-kostruzzjoni ossia bricks li gie mibjugh u kkonsenjat lilhom mill-istess socjeta' attrici u dan fuq inkarigu u ghal beneficcju taghhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2217/2011 tal-ghaxra (10) ta' Gunju, 2011 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3439/2011 tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru, 2011, u bl-imghax dekorribli mid-data tal-bejgh u l-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni skond il-Ligi.

Rat ir-risposta tas-socjeta' A. Montebello Tyres Limited ipprezentata fil-hdax (11) ta' Jannar, 2012, fejn eccepiet:

1. *"Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16;*
2. *Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija A. Montebello Tyres Limited ma xtrat ebda 'bricks' minghand Euro Concrete Blocks Limited u wisq anqas gie konsenjat lilha 'bricks' mill-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited u konsegwentement ma huwa dovut ebda ammont lill-kumpanija attrici mill-kumpanija A. Montebello Tyres Limited;*
4. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija A. Montebello Tyres Limited hija kreditrici tal-kumpaniji li jiffurmaw parti mill-grupp Rainbowmix, inkluz il-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited, u dana ghal somma li teccedi bil-bosta l-pretensjoni vantata fl-avviz promotur u konsegwentement li kieku kellu jirrizulta li l-kumpanija A. Montebello Tyres Limited xtrat u hadet in konsenja 'bricks' minghand Euro Concrete Blocks Limited, fatt kontestat mill-kumpanija esponenti, ghandha issehh tpacija bejn l-ammont pretiz mill-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited u parti mill-kreditu dovut lil A. Montebello Tyres Limited;*
5. *Illi ma huwiex minnu li l-kumpaniija A. Montebello Tyres Limited giet interpellata sabiex tersaq ghall-hlas tal-ammont pretiz, salv ghall-ittra ufficjali tal-ghaxra (10) ta' Gunju, 2011, tant illi sad-data tal-lum, anqas invoice qatt ma rceviet minghand Euro Concrete Blocks Limited ghall-allegat 'bricks' li allegatament gie mixtri u ttiehed in konsenja mill-kumpanija A. Montebello Tyres Limited.*
6. *B'riserva u salv ghal eccezzjonijiet ohra validi fil-Ligi."*

Rat illi l-konvenut Charles Mangion ma pprezentax risposta u baqa' ma deherx fil-kawza.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti diversament preseduta f'din il-kawza fl-4 ta' April 2013 fejn gew milqugha l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta A. Montebello Tyres Limited;

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Marzu 2016 li, fuq appell tas-socjeta` attrici dwar id-decizjoni li biha giet milqugha l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, hassret l-imsemmija sentenza tal-4 ta' April 2013 u filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni, ordnat li l-atti jintbaghtu lura lilha biex tkompli bis-smigh tal-kawza.

Ghalhekk l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta jinsabu gia` decizi u jifdal li jigu decizi t-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet moghti mis-Sinjorija Tieghu l-Onor. Prim Imhallef fis-16 ta' Lulju 2018;

Rat il-provi kollha u rat ukoll l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda li nghatat fil-kawza Avviz Numru 1035/2011 fl-ismijiet **Rainbowmix Concrete Limited vs A. Montebello Tyres Limited et**. u li giet esebita bhala prova fil-kawza odjerna;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta` attrici fil-21 ta' Marzu 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta` konvenuta fid-29 ta' Ottubru 2018.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

It-talba tas-socjeta` attrici f'din il-kawza hija ghall-hlas ta' bilanc ta' somma rapprezentanti l-prezz ta' materjal tal-kostruzzjoni ossia *bricks*, li hija tghid li bieghet u kkonsenjat lill-konvenuti skont kif jidher fi *statement of account* esebit bhala Dok. Z[1]. Dan l-i*statement* huwa mahrug f'isem is-socjeta` attrici Euro Concrete Blocks Limited, intestat lil "Montebello Tyres/C. Mangion".

Is-socjeta` konvenuta ("Montebello") tikkontendi primarjament illi ma xtrat ebda *bricks* minghand is-socjeta` attrici u fi kwalsiasi kaz anke kieku kellu jirrizulta li hija xtrat u hadet in konsenja xi *bricks* minghand l-attrici, hija kreditrici ghal ammont ferm ikbar tal-kumpanniji li jifformaw parti mill-grupp Rainbow Mix inkluz is-socjeta` attrici, u ghaldaqstant ghandha ssir tpacija bejn l-ammont dovuti reciprokalment.

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, il-Qorti tqis li huwa tajjeb li tosserva li ghalkemm ma tressqux provi mill-konvenuti biex juru li s-socjeta` attrici Euro Blocks Concrete Limited hija parti mill-istess grupp ta' kumpaniji ta' Rainbow Mix Concrete Limited ("Rainbow Mix"), is-socjeta` attrici baqghet qatt ma cahdet li tifforma parti mill-grupp Rainbow Mix imsemmi fil-credit note Dok Y. Anzi, fin-nota ta' sottomissjonijiet minnha pprezentat f'din il-kawza, is-socjeta` attrici tafferma hija stess illi "*l-materjal li ghalih qed jintalab il-hlas gie fornit minn kumpannija differenti izda li tifforma parti mill-istess grupp ta' kumpaniji gestiti mill-istess familja*." Il-Qorti ghalhekk tifhem li b'referenza ghall-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, il-kontestazzjoni tas-socjeta' attrici hija fis-sens li ebda ammont ma huwa dovut <u>mill-grupp Rainbow Mix</u> [inkluz is-socjeta` Euro Concrete Blocks Limted] lis-socjeta` Penza, u li l-<u>grupp Rainbow Mix</u> ma kellux ftehim dwar tpacija bejn il-hlas tal-konsenji mertu ta' din il-kawza u l-krediti rispettivi imfissrin mis-socjeta` konvenuta.

[1] Fol. 46, l-ewwel volum.

Ikkunsidrat ukoll;

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` konvenuta ssostni li billi s-socjeta' attrici accettat inekwivokabbilment li s-somma li taghha qed jintalab il-hlas f'din il-kawza hija parti mill-istess kreditu kontra l-istess debituri formanti l-mertu tal-kawza fl-ismijiet **Rainbow Mix Concrete Limited vs A. Montebello Tyres Limited et** (Avviz Numru 1035/2011), deciza mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-2 ta' Marzu 2018, jezistu f'din il-kawza odjerna l-elementi kollha tal-gudikat. Is-socjeta` konvenuta ssostni illi minhabba f'hekk, din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha.

Izda din il-Qorti ma taqbilx li dan huwa kaz ta' *res judicata*. Apparti l-fatt li s-socjeta` konvenuta lanqas ma ressqet l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* f'xi waqt iehor tal-kawza bl-intiza li jigi evitat li jinghataw zewg decizjonijiet konfliggenti, jinghad illi l-eccezzjoni tar-*res judicata* kellha tigi sollevata formalment u mhux permezz ta' sottomissjoni fl-istadju tat-trattazzjoni finali tal-kawza. Kwindi – anke ghaliex is-socjeta` attrici ma kellhiex l-opportunita` li tirribattiha - il-Qorti m'hijiex sejra tiehu konjizzjoni formali ta' din l-eccezzjoni. Ghalkemm huwa risaput illi l-Qorti tista' hija stess tissolleva *ex officio* l-eccezzjoni tar-*res judicata* meta jingieb a konjizzjoni taghha sentenza ohra li tista' tkun ta' ostakolu ghas-smigh tal-kawza gdida, f'dan il-kaz huwa evidenti li ghalkemm kif inghad, is-socjeta` attrici tifforma parti mill-istess grupp ta' kumpanniji tas-socjeta` attrici fil-kawza fuq citata cioe` "Rainbow Mix Concrete Limited", iz-zewg entitajiet huma guridikament separati u distinti. Konformament, wiehed mill-elementi essenzjali tal-gudikat u ghas-success ta' din l-eccezzjoni, ossia l-*eadem personae,* huwa mankanti.

F'kull kaz, l-effett tal-eccezzjoni tar-*res judicata* li tigi milqugha, m'huwiex li l-Qorti taddotta s-sentenza l-ohra u tiddeciedi bl-istess mod kif tkun giet deciza l-kawza l-ohra, kif donnha tippretendi s-socjeta` konvenuta, izda li tichad it-talba attrici minhabba appuntu l-fatt li dik it-talba tkun diga` giet deciza. Ghalkemm

huwa minnu li, kif affermat miz-zewg partijiet, il-mertu ta' din il-kawza huwa identiku ghal dak tal-kawza sucitata deciza finalment fil-mori ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti lanqas ma hija marbuta li taghmel taghha d-decizjoni moghtija fil-kawza l-ohra, anke ghaliex ma gewx esebiti l-atti kollha ta' dik il-kawza izda biss selezzjoni ta' traskrizzjonijiet ta' xhieda u dokumenti. Il-Qorti tiddeciedi l-kawza fuq l-atti u l-provi li ghandha quddiemha biss.

Madanakollu, ghall-fini tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u anke sabiex jigu evitati decizjonijiet konfliggenti f'kawzi dwar l-istess mertu, il-Qorti sejra f'kull kaz tiehu konjizzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 2018 li giet esebita flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta li f'xi zmien is-socjeta` konvenuta A. Montebello Tyres Limited ("Montebello") xtrat vettura minghand il-konvenut Mangion u gie miftiehem bejniethom li parti mill-bilanc tal-prezz tal-vettura li kien ghadu dovut kellu jithallas lill-konvenut Mangion permezz ta' kreditu li Montebello kellha ma' Penza Concrete Limited ("Penza"). It-tezi ta' Montebello hija li kellha tiehu minghand Penza s-somma fl-ekwivalenti ta' Lm4,000 (€9,317) filwaqt li min-naha taghha, Penza kellha tiehu minghand xi kumpanniji li jifformaw parti mill-grupp Rainbow Mix ("Rainbow Mix"). Skont is-socjeta` konvenuta, sar *bartering* tal-krediti rispettivi bejn il-partijiet kollha koncernati, sabiex fl-ahhar mill-ahhar il-konvenut Mangion jithallas il-prezz dovut lilu minn Montebello billi jinqeda bil-kreditu ta' Penza u jiehu minflok il-prezz, materjal konsistenti f'*bricks* u konkos minghand Rainbow Mix sa somma li ma teccedix Lm4,000. Dan in-negozju spjegah fid-dettall Charles Montebello meta xehed in kontro-ezami[2].

[2] Seduta 24 ta' Gunju 2014 fil-kawza Rainbow Mix Concrete Limited vs A Montebello Tyres Limited – Avviz 1035/2011 – fol. 22 et seq tal-process Vol. II.

Is-socjeta' attrici tichad li kien hemm dan il-ftehim u cahdet ukoll li kien hemm xi ammont dovut minnha lil Penza kif allegat mis-socjeta` konvenuta. Marc Aquilina dirigent tas-socjeta' attrici qal li mill-verifiki li saru wara li kienu diga` saru diversi konsenji ta' materjal lill-konvenut Mangion, irrizultalu li l-kumpaniji tieghu ma kellhom ebda pendenzi ma' Penza. Jallega li meta kellem lil Charles Montebello personalment dwar dan, Montebello qallu kien lest li jhallas ghall-konsenji li jkunu saru lill-konvenut Mangion, huwa stess.

Ikkunsidrat;

Fl-eccezzjonijiet taghha, is-socjeta' konvenuta sostniet li hija ma xtrat ebda materjal minghand is-socjeta` attrici. Effettivament, jirrizulta illi mhuwiex kontestat illi s-socjeta` konvenuta nnifisha ma hadet ebda konsenja ta' *bricks* jew concrete minghand l-attrici u jirrizulta illi l-konsenji li jidhru mill-i*statement* Dok. Z, saru kollha lill-konvenut Mangion. Dan huwa konfermat minn Marc Aquilina nnifsu fid-depozizzjoni tieghu a fol. 40[3].

Lanqas hemm xi prova li l-materjal li kien qed jigi konsenjat lill-konvenut Mangion kien ghall-uzu ta' Montebello. Marc Aquilina, direttur tas-socjeta` attrici, iddepona hekk fir-rigward:-

"*Nixtieq nghid li Montebello Tyres kien talabni sabiex jiena naghti l-Bricks u l-konkos lil Charles Mangion valur ta' 9,300 euro u ghal dan Montebello Tyres kien qalli li huwa kien ser jassumi xi debitu li jiena kelli ma' haddiehor.*"[4]

Il-Qorti ghalhekk tqis li t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta hija tajba.

Ikkunsidrat;

[3] Xhieda 30 ta' Jannar 2013 fil-kawza Rainbow Mix Concrete Limited vs A Montebello Tyres Limited – Avviz 1035/2011 – fol. 22 et seq tal-process Vol. II.
[4] Depozizzjoni 30 ta' Jannar 2013, fol. 4 – it-tieni volum.

Marc Aquilina esebixxa bhala Dok. Y[5] kopja ta' skrittura li jidher li giet iffirmata ghan-nom tal-grupp Rainbow Mix Concrete Limited u ta' Montebello, kif ukoll minn Penza. Din l-iskrittura, li essenzjalment huwa ftehim ta' assenjazzjoni ta' kreditu bejn Penza u Montebello bl-adezjoni ta' Rainbow Mix, iggib id-data tad-29 ta' Lulju 2008 u tghid hekk, testwalment:-

*"I Mr Carmelo Penza ID card No. 9855(M) of Penza Concrete Ltd, Industrial Estate, Hal Far, B'Bugia, transfer the amount of €9,317 (Nine Thousand Three Hundred and Seventeen Euro and Forty Nine Cents) equivalent to Lm4,000 (Four Thousand Maltese Liri) previous currency Maltese Liri, to Mr. Carmel Montebello ID Card No: 142665(M) on behalf of A. Montebello Tyres Ltd of Tal-Barrani Rd, Bir id-Deheb, Zejtun. This amount will be taken from the Rainbow Mix Concrete Ltd group in materials such as concrete/bricks and/or aggregates."*

Marc Aquilina jikkontesta l-veracita` ta' dan id-dokument billi jichad li huwa qatt iffirmah u jsostni wkoll li m'hemmx fuqu l-firma ta' xi hadd awtorizzat minnu. Jghid ukoll li dan id-dokument qatt ma wasal ghandu u li l-kumpaniji tieghu ma kellhom ebda pendenzi ma' Penza[6]. Izda is-socjeta' attrici baqghet ma sostanzjatx dawn l-allegazzjonijiet taghha. Fid-depozizzjoni tieghu Marc Aquilina stqarr illi effettivament, fiz-zmien meta saru l-konsenji lill-konvenut Mangion, kellu diskussjonijiet ghaddejjin ma' Penza izda dawn ma gewx konkluzi[7]. Ghalkemm huwa minnu wkoll li meta xehed, Carmelo Penza kellu xi dubju dwar jekk id-dokument Dok. Y huwiex iffirmat minnu, huwa kkonferma dan l-istess dokument u, fil-kawza Avviz Numru 1035/2011, xehed[8] illi fis-sena 2008 huwa kellu jaghti lis-socjeta` konvenuta. Qal ukoll li jista' jkun li kellu jhallas lil Montebello permezz ta' *credit notes* u mhux permezz ta' flus. Fir-rigward, jikkonferma l-ezistenza u l-kontenut tad-dokument immarkat Dok. CM2[9] li bih huwa awtorizza lil Rainbow Mix taghti lil Montebello materjal sa valur ta' 9,317 Ewro mill-kreditu li kellha Penza mal-istess Rainbow Mix. Il-fatt li kien effettivament il-konvenut Mangion li ha l-konsenji tal-materjal, kif inghad, mhuwiex kontestat. Infatti, jirrizulta illi l-

[5] Fol. 45 – l-ewwel volum. Esebit ukoll bhala Dok CM1 tal-kawza 1035/2011, fol. 27 Vol.II
[6] Xhieda 30 ta' Jannar 2013.
[7] Ara xhieda ta' Marc Aquilina fil-proceduri Avviz Numru 1035/2011, prodotta bhala prova f'din il-kawza – fol. 14, Vol. II.
[8] Udjenza tat-18 ta' Marzu 2015 u 28 ta' April 2015 fil-kawza Avviz Numru 1035/2011 – xhieda esebita a fol 38 *et seq.* tal-process ta' din il-kawza.
[9] Fol. 119 tal-kawza 1035/2011, a fol. 30 Vol. II.

konsenji lill-konvenut Mangion bdew isiru wara li ntbaghtu dawn l-istruzzjonijiet lil Rainbow Mix.

Inoltre, u fuq kollox, Carmelo Penza qal hekk fid-depozizzjoni tieghu:-

*"Ahna konna ktibna lil Rainbow fejn informajnihom li lil Montebello konna qeghdin nawtorizzawh jiehu b'erbat elef liri Maltin (Lm4,000) xoghol minghandhom u cioe` minghand Rainbowmix u dak l-ammont li kien ser jiehu Montebello Tyres basta li ma jaqbizx l-ammont ta' erbat elef (4000). ... Jiena ghalhekk nikkonferma illi bl-ittra li hemm a fol 119[10] tal-process Montebello seta' jiehu b'erbat elef liri Maltin (Lm4000) xoghol mingand Rainbow Mix u nhallsu jiena u cioe` Penza Construction Limited."*

Fil-fehma tal-Qorti, anke jekk Carmel Penza ma gharafx id-dokument Dok. CM1 (li huwa l-istess bhal Dok. Y), mid-depozizzjoni tieghu huwa evidenti li huwa kellu jiehu minghand Rainbow Mix u li kien gie milhuq il-ftehim rifless fid-dokument Dok. CM1/Dok. Y dwar il-hlas tal-prezz tal-materjal konsenjat lill-konvenut Mangion, u dan permezz ta' *bartering* tal-krediti rispettivi dovuti bejn il-partijiet. Din ix-xhieda taghti affidabbilita` lit-tezi tas-socjeta` konvenuta. Barra minn hekk, il-Qorti tosserva li Marc Aquilina nnifsu esebixxa wkoll Dok. MA1[11] li hija talba da parti ta' Montebello li saret lil Rainbow Mix, liema talba fiha dikjarazzjoni inekwivoka ohra li l-hlas ghall-konsenji in kwistjoni kellu jsir kontra l-kreditu fis-somma ta' Lm4,000 dovut minn Rainbow Mix lil Penza.

"*Credit amount of €9,317.49 is to be settled later on against outstanding balance between A. Montebello Tyres Ltd. & Penza Ltd.*"

Huwa evidenti li dawn l-istruzzjonijiet inghataw abbazi u bis-sahha tal-ftehim imsemmi, milhuq bejn il-partijiet. Inoltre, hija l-fehma tal-Qorti li l-imsemmi Dok. MA1, li huwa datat 30 ta' Lulju 2008 cioe` l-ghada tal-*credit note* Dok. Y, iservi biex ikompli juri mhux biss l-ezistenza ta' ftehim bejn il-partijiet kontendenti dwar il-hlas tal-konsenji li kellhom isiru lill-konvenut Mangion addirittura <u>qabel</u> bdew isiru l-konsenji mertu tal-vertenza odjerna, izda juri wkoll li Marc Aquilina kien

[10] Dok. CM2 mibghut lil Rainbow Mix Limited u datat 22 ta' Lulju 2008.

[11] Fol. 15 – Vol. II.

accetta bla rizervi l-ftehim ghall-*bartering* tal-kreditu li kellu mieghu Penza, u dan in linea ta' hlas ghall-materjal li kellu jigi konsenjat lill-konvenut Mangion. Il-Qorti tqis li t-talba li ghamlet Montebello abbazi tad-dokument MA1 tant giet accettata mis-socjeta' attrici li abbazi tal-istess dokument, kif ukoll ta' Dok. CM2, saru konsenji lil Mangion fl-ammont totali ta' €7,666.75[12] fuq medda ta' iktar minn sena.

Infatti, jidher li dawn il-konsenji tal-materjal bdew isiru lill-konvenut Mangion ftit granet wara d-29 ta' Lulju 2008 u baqghu jsiru fuq perijodu ta' iktar minn sena[13] minghajr ma jirrizulta li s-socjeta' attrici qatt gharrfet lill-konvenuti li kellha xi oggezzjoni ghall-ftehim dwar il-hlas jew li hija ma kienitx ser tonora dan il-ftehim. Mill-kumpless tal-provi huwa manifest li s-socjeta' attrici kienet diga` mgharrfa minn Montebello li l-hlas ta' dawn il-konsenji kien ser jigi pacut b'xi kreditu li kellhom terzi fil-konfront taghha, qabel bdew isiru l-konsenji tal-*bricks* lill-konvenut Mangion. Fir-rigward, il-Qorti tqis li kieku ma kienx hemm xi ftehim dwar il-hlas, s-socjeta' attrici ma kienetx thalli li jsiru konsenji ta' materjal lill-konvenut Mangion minghajr na jsir hlas, u fil-fatt ma jirrzultax li qatt saru xi talbiet ghall-hlas mal-konsenji li saru.

Fil-fehma tal-Qorti, dan ma jistax hlief ifisser li l-partijiet kienu lahqu l-ftehim rispekkjat f'Dok. CM2 u Dok. MA1 b'dan li ebda wiehed mill-konvenuti ma kien ser ikun responsabbli ghall-hlas tal-konsenji mertu tal-kawza ghaliex l-ammont dovut kellu jitnaqqas mill-kreditu li kellu Penza ma' Rainbow Mix.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza jikkonfortaw pjenament il-verzjoni tas-socjeta` konvenuta fis-sens li sar ftehim bejnha u bejn Penza u l-grupp Rainbow Mix li l-hlas ghall-konsenji li jsiru lill-konvenut Mangion f'somma li ma teccedix Lm4,000, kellu jigi pacut mal-kreditu dovut lil Penza minghand l-istess Rainbow, u dan sabiex

[12] Dok. Z.

[13] Bejn 6/8/2008 u 11/9/2009 – Dok. Z a fol. 46.

il-konvenut Mangion jithallas parti mill-prezz tal-vettura li kien biegh lis-socjeta` konvenuta.

Dan kollu ma jistax hlief ifisser li ebda hlas ma huwa dovut lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta u mill-konvenut Mangion, u dan ghaliex jirrizulta li l-konsenji li saru lill-konvenut Mangion fis-somma ta' €7,666.75 pretiza f'din il-kawza, ma tiskorrix l-ammont ta' €9.317.17 skont il-ftehim milhuq.

Dwar il-hames eccezzjoni, il-Qorti tosserva illi s-socjeta' konvenuta kienet giet debitament interpellata biex thallas l-ammont mertu tal-kawza, permezz tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Gunju 2011, liema ittra giet notifikata lilha fis-16 ta' Gunju 2011[14] u l-Qorti ma tarax li din l-eccezzjoni ghandha xi siwi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u fil-kontumacja tal-konvenut Charles Mangion, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li, filwaqt illi tichad il-hames eccezzjoni izda tilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tichad *in toto* t-talbiet attrici, bl-ispejjez a karigu tal-istess socjeta` attrici.

**Dr Rachel Montebello.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

[14] Fol. 43 u 44 – Vol. I.